**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Alan Soler**

**Kumpilazzjoni Numru 229/2021**

**Illum, it-02 ta' Ġunju 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Alan Soler,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0230481M.
>
> Nakkuzah talli, fit-22 ta' Diċembru, 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet matul il-ġurnata, ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;
>
> 1. Xjentement laqa' għandhu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda, b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

> Il-Qorti hija mitluba li f’każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u il-Qorti hija ġentilment mitluba ukoll sabiex tordna lill-imputat iħallas id-danni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta’ Malta.”

Rat u qieset l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-istess imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat reġa’ afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-fatt illi l-oggetti mertu ta' dan ir-reat gew ritornati lill-vittma, il-gravità tar-reati minnu kommessi, ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Alan Soler** hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-obbligi tieghu skont din is-sentenza u jwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur